32000R0050



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 50/2000
## ta' l-10 ta' Jannar 2000
## fuq l-ittikkettjar ta' l-oġġetti ta' l-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel li jkun fihom additivi u ħwawar u li jkunu ġew ġenetikament immodifikati jew li jkunu prodotti minn organiżmi ġenetikament immodifikati

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-ittikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel [1], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 97/4/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ikel ġdid u l-ingredjenti ta' l-ikel ġdid [3] ma jgħoddx għall-additivi u l-ħwawar maħsuba biex jintużaw f'oġġetti ta' l-ikel billi, għall-finijiet ta' l-ittestjar biex dawn is-sostanzi jiġu vvalutati rigward is-sigurtà tagħhom, dawn jaqgħu taħt dispożizzjonijiet Komunitarji oħra, jiġifieri d-Direttiva 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-additivi ta' l-ikel awtorizzati għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel intiżi għall-konsum mill-bniedem [4], kif emendata mid-Direttiva 94/34 KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5] u mid-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-ħwawar għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel u l-materjali bażiċi għall-produzzjoni tagħhom [6], kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 91/71/KEE [7];

(2) dawn l-additivi u l-ħwawar huma wkoll eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1139/98 tas-26 ta' Mejju 1998 dwar l-indikazzjoni obbligatorja fuq l-ittikkettjar ta' ċerti oġġetti ta' l-ikel prodotti minn organiżmi ġenetikament immodifikati ta' partikolaritajiet oħra minbarra kif hemm provdut fid-Direttiva 79/112/KEE [8];

(3) konsegwenza ta' din l-esklużjoni hi li l-additivi u l-ħwawar li ġew ġenetikament immodifikati jew ġew prodotti minn organiżmi ġenetikament immodifikati u li jintużaw bħala ingredjenti fl-oġġetti ta' l-ikel mhumiex soġġetti għad-dispożizzjoniet speċifiċi dwar l-ittikkettjar kif stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru. 258/97 u d-dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettjar stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru. 1139/98;

(4) huwa importanti li l-konsumaturi għandhom jiġu wkoll mgħarrfa bl-użu ta' additivi jew ħwawar li jkunu ġew ġenetikament immodifikati jew li jkunu ġew prodotti permezz ta' inġinerija ġenetika kif diġà huma infurmati bil-preżenza ta' ingredjenti oħra li fihom jew li huma prodotti minn organiżmi ġenetikament immodifikati;

(5) xi Stati Membri innotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jimponu fuq livell nazzjonali indikazzjonijiet dwar l-ittikkettjar li jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-użu ta' l-additivi u/jew il-ħwawar imnissla minn organiżmi ġenetikament immodifikati;

(6) dawn id-dispożizzjonijiet aktarx joħolqu ostakoli ġodda għall-kummerċ intra-Komunitarju;

(7) il-Kummissjoni, fid-Deċiżjoni 98/613/KE tagħha tal-21 ta' Ottubru 1998 dwar id-digriet abbozz tar-Repubblika ta' l-Awstrija dwar l-identifikazzjoni ta' l-additivi u l-ħwawar ġenetikament immodifikati [9], kienet tal-fehma, bi qbil ma' l-Istati Membri, li is-soluzzjoni l-aktar sodisfaċenti tkun li jitfasslu dispożizzjonijiet Komunitarji dwar l-ittikkettjar;

(8) għaldaqstant, ikun ta' siwi li ssir ħaġa obbligatorja li jiġi indikat fuq it-tikketta ta' l-oġġetti ta' l-ikel ikkonċernati li l-additivi jew il-ħwawar użati huma jew fihom organiżmi ġenetikament immodifikati jew li ġew prodotti minn dawn l-organiżmi, bi qbil ma' l-istess prinċipji kif stabbiliti għall-ittikettjar ta' l-ingredjenti li huma, fihom jew huma prodotti minn organiżmi ġenetikament immodifikati;

(9) id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma japplikawx għall-additivi u l-ħwawar li jinbiegħu bħala tali lill-konsumatur aħħari. Miżuri separati li jimponu t-tikkettjar simili obbligatorju għall-additivi u ħwawar għandhom jiġu introdotti;

(10) b'mod partikolari, skond l-approċċ adottat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru. 258/97, huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-konsumatur aħħari jiġi informat bi kwalunkwe karatterisitika jew jkwalità ta' l-ikel bħall-komposizzjoni, il-valur nutrittiv jew l-effetti nutrittivi jew l-użu intiż ta' l-ikel li jirrendi dan l-ikel jew l-ingredjent ta' l-ikel mhux aktar ekwivalenti għal ikel jew ingredjent ta' l-ikel eżistenti. Għal dan il-għan l-additivi u l-ħwawar li ġew ġenetikament immodifikati jew li jkunu ġew imnissla minn organiżmi ġenetikament immodifikati u li ma jkunux ekwivalenti għall-kontroparti oriġinali tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-ħtieġa ta' l-ittikkettjar;

[1] ĠU L 33, tat-8.2.1979, p.1.
[2] ĠU L 43, ta' l-14.2.1997, p.21.
[3] ĠU L 43, ta' l-14.2.1997, p. 1.
[4] ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 27.
[5] ĠU L 237, ta' l-10.9.1994, p.1.
[6] ĠU L 184, tal-15.7.1988, p. 61.
[7] ĠU L 42, tal-15.2.1991, p.25.
[8] ĠU L 159, tat-3.6.1998, p.4.
[9] ĠU L 291, tat-30.10.1998, p. 35.

(11) skond l-approċċ adottat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru. 258/97, il-ħtiġiet għall-ittikkettjar għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni xjentifika;

(12) regoli ċari dwar l-ittikkettjar għandhom jiġu fformulati għall-prodotti hawn fuq imsemmija sabiex jiġi żgurat li l-ispezzjonijiet uffiċjali jkunu jistgħu jsiru abbażi ta' informazzjoni affidabbli, riproduċibbli u prattikabbli;

(13) għandha ssir attenzjoni biex jiġi żgurat li l-ħtiġiet ta' l-ittikkettjar ma jkunux eċċessivament komplessi imma b'danakollu li dawn ikunu ddettaljati biżżejjed biex ifornu lill-konsumaturi bl-informazzjoni li jkollhom bżonn;

(14) ir-Regolament (KE) Nru. 1139/98 jispeċifika skond liema kriterju l-obbligazzjonijiet ta' l-ittikkettjar jidħlu fis-seħħ fil-każ ta' l-ikel prodott minn qamħ jew soja ġenetikament immodifikati;

(15) il-preżenza f'additivi jew ħwawar użati bħala ingredjenti f'oġġett ta' l-ikel ta' proteina jew DNA li jirriżultaw minn modifikazzjoni ġenetika hi, kif inhi s-sitwazzjoni bħalissa, ukoll il-kriterju li l-aktar li jissodisfa bl-aħjar mod mal-ħtiġiet hawn fuq imsemmija. Dan l-approċċ jista' jiġi eżaminat mill-ġdid fid-dawl ta' evidenza xjentifika ġdida;

(16) fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni u l-konsegwenzi ta' l-azzjoni proposta, il-miżuri Komunitarji introdotti minn dan ir-Regolament huma mhux biss neċessarji imma tassew essenzjali biex jinkisbu l-oġġettivi;

(17) il-kontaminazzjoni fortwita ta' additivi u ħwawar b'DNA jew bi proteina li jirriżultaw minn modifikazzjoni ġenetika ma tistax tiġi eskluża; ikun utli li tiġi eżaminata l-possibilità li jiġi stabbilit limitu sabiex jiġi evitat l-ittekkettjar bħala rizultat ta' kontaminazzjoni ta' din ix-xorta;

(18) il-miżuri kif hemm provvediment għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Oġġetti ta' l-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jipprovdi għal ħtiġiet speċifiċi ta' tikkettjar addizzjonali għall-ikel u l-ingredjenti ta' l-ikel intiżi għall-konsumatur aħħari u għall-forniturі tal-massa (minn issa 'l quddiem imsejħa "oġġetti speċifikati ta' l-ikel") li jkun fihom additivi u/jew ħwawar kif spjegat fil-paragrafu 2 (minn issa' l quddiem imsejħa "additivi u ħwawar speċifikati").

2. Dawn li ġejjin huma additivi u ħwawar speċifikati:

— l-additivi li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 89/107/EEC u/jew

— il-ħwawar li jintużaw fl-oġġetti ta' l-ikel li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 88/338/KEE

li huma, fihom jew tnisslu minn organiżmi ġenetikament immodifikati fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE [1].

*L-Artikolu 2*

Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti l-oħra tal-leġislazzjoni Komunitarja dwar l-ittikkettjar ta' l-ikel, l-ittikkettjar ta' l-oġġetti ta' l-ikel speċifikati għandu jinforma lill-konsumaturi aħħarija u lill-forniturі tal-massa dwar:

(a) bi qbil ma' l-Artikolu 4(1), kwalunkwe karatteristika jew kwalità ta' l-ikel per eżempju:

— il-komposizzjoni

— il-valur nutrittiv jew l-effetti nutrittivi

— l-użu intiż ta' l-additivi jew tal-ħwawar

bħala riżultat ta'dan l-additivi jew il-ħwawar speċifikati ma jkunux aktar ekwivalenti għall-additivi u l-ħwawar eżistenti.;

(b) il-preżenza fl-additivi jew il-ħwawar speċifikati ta' materjal li ma jkunx preżenti fl-additivi jew il-ħwawar eżistenti ekwivalenti li jista' jeffettwa s-saħħa ta' ċerti sezzjonijiet tal-populazzjoni;

(ċ) il-preżenza fl-additivi jew il-ħwawar speċifikati ta' materjal li ma jkunx preżenti f'additivi jew ħwawar eżistenti ekwivalenti u li jqanqal tħassib etiku;

(d) b'konformità ma' l-Artikolu 2(2), il-preżenza ta' additiv jew taħwir li jkun jew li jkun fih organiżmu ġenetikament immodifikat b'tekniċi ta' modifikazzjoni ġenetika, li l-lista mhux kompleta tagħhom hi mniżżla fl-Anness IA, Parti 1 tad-Direttiva 90/220/EEC.

*L-Artikolu 3*

L-additivi jew il-ħwawar speċifikati għandhom jitqiesu bħala li mhux aktar ekwivalenti fis-sens ta' l-Artikolu 2(a) jekk eżami xjentifiku, ibbażat fuq analiżi xierqa ta' l-informazzjoni eżistenti, tista' turi li l-karatteristiċi eżaminati huma differenti meta mqabbla ma' additivi jew ħwawar tradizzjonali, b'konsiderazzjoni għal-limiti aċċettati tal-varjazzjonijiet naturali tal-karatterisitiċi ta' din ix-xorta. Dan huwa l-każ fejn l-additivi jew il-ħwawar speċifikati jkun fihom proteina u/jew DNA li tirriżulta minn modifikazzjoni ġenetika.

*L-Artikolu 4*

1. Ir-rekwiżiti addizzjonali speċifiċi għall-ittikettjar fejn għandha x'taqsam l-infomazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(a) huma dawn li ġejjin:

Il-kliem "prodott minn.…ġenetikament immodifikat" għandhom jidhru fil-lista ta' l-ingredjenti kif provdut fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 79/112/KEE, fil-parentesi, immedjatament wara l-indikazzjoni ta' l-additiv jew it-taħwir inkwestjoni.

Alternattivament, dan il-kliem jista' jidher f'nota ta' qiegħ il-paġna li tkun tidher bi prominenza mal-lista ta' l-ingredjenti, marbuta ma' l-additiv jew it-taħwir ikkonċernat b'asterisk (*). Din għandha tkun stampata b'ittri li jkunu almenu ta' l-istess qies użat fil-lista ta' l-ingredjenti nnifisha.

[1] ĠU L 33, tat-8.2.1979, p.1.

Fil-każ ta' l-oġġetti ta' l-ikel speċifikati li għalihom ma jkunx hemmx lista ta' l-ingredjenti, dan il-kliem għandu jidher ċar fuq it-tiketta tal-prodott.

2. Ir-rekwiżiti addizzjonali speċifiċi għall-ittikettjar fejn għandha x'taqsam l-infomazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(d) huma dawn li ġejjin:

Il-kliem "ġenetikament immodifikat" għandhom jidhru fil-lista ta' l-ingredjenti immedjatament wara l-indikazzjoni ta' l-additttiv jew it-taħwir in kwestjoni.

Alternattivament, dan il-kliem jista jidher f'nota ta' qiegħ il-paġna li tkun tidher bi prominenza mal-lista ta' l-ingredjenti, relatata ma' l-additttiv jew it-taħwir ikkonċernat b'asterisk (*). Din għandha tkun stampata b'ittri li jkunu almenu ta' l-istess daqs użat fil-lista ta' l-ingredjenti nnifisha.

Fil-każ ta' l-oġġetti ta' l-ikel speċifikati li għalihom ma jkunx hemmx lista ta' l-ingredjenti, dan il-kliem għandu jidher ċar fuq it-tikketta tal-prodott.

*L-Artikolu 5*

Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-oġġetti ta' l-ikel speċifikati maħduma legalment u ttikkettjati fil-Komunità jew li jiġu legalment importati fil-Komunità u mdaħħla fiċ-ċirkolazzjoni libera, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ 90 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Jannar 2000.

*Għall-Kummissjoni*

Erkki LIIKANEN

*Membru tal-Kummissjoni*